RIŻOLUZZJONI (UE) 2023/1851 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2023

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (CdT) għas-sena finanzjarja 2021

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0104/2023),

A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tiegħu ([1]), il-baġit finali taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea ("iċ-Ċentru") għas-sena finanzjarja 2021 kien jammonta għal EUR 53 031 743, li jirrappreżenta żieda ta' 13,30 % meta mqabbel mal-2020; billi 89,88 % tal-baġit taċ-Ċentru jiġi minn kontribuzzjonijiet diretti minn istituzzjonijiet, aġenziji u korpi oħra;

B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2021 (ir-"rapport tal-Qorti"), tiddikjara li ngħatat aċċertament raġonevoli li l-kontijiet annwali taċ-Ċentru huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota bi tħassib li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2021 irriżultaw f'rata ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-approprjazzjoni ta' impenn tas-sena attwali ta' 83,54 %, li tirrappreżenta tnaqqis ta' 6,45 % meta mqabbla mal-2020; jinnota li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament tas-sena attwali kienet ta' 76,51 %, li tirrappreżenta tnaqqis ta' 6,86 % meta mqabbla ma' dik tal-2020;

2. Jinnota li għall-2021, minħabba avvenimenti eċċezzjonali, iċ-Ċentru ma applikax il-mekkaniżmu għar-rimborż awtomatiku tas-surplus baġitarju (EUR 1,1 miljun) lill-klijenti; jinnota li dak l-ammont ġie riportat għall-2022;

Prestazzjoni

3. Jinnota l-konċentrazzjoni taċ-Ċentru fuq l-eżitu dirett assoċjat mal-attivitajiet tiegħu; jinnota l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni finanzjarji (KPIs) li jipprovdu indikazzjoni tajba tal-prestazzjoni operattiva taċ-Ċentru; jirrikonoxxi li l-KPIs strateġiċi jipprovdu perspettiva multidirezzjonali dwar il-prestazzjoni taċ-Ċentru, lil hinn mill-output; iħeġġeġ liċ-Ċentru jkompli jimmonitorja l-prestazzjoni tiegħu fiż-żewġ livelli, l-output dirett tal-attivitajiet u l-prestazzjoni strateġika; jinnota li mill-2021 ġew irrapportati diversi KPIs relatati mas-sigurtà tal-IT u ċ-Ċentru qed ikompli jirfina l-mod kif tiġi evalwata s-sigurtà tas-sistemi ta' informazzjoni tiegħu;

4. Jinnota li bi 367 264 paġna, l-għadd ta' paġni ta' dokumenti tradotti, modifikati, editjati u riveduti żdied b'9,7 % meta mqabbel mal-2020 (322 443 paġna); jinnota li fl-2021, b'274 706 paġni, l-għadd ta' paġni tradotti ta' trademarks tal-UE kompla jonqos bi 8,5 % meta mqabbel mal-2020 (300 348 paġna); jinnota li fir-rigward tat-trademarks tal-UE, l-għadd ta' paġni tradotti jinsab f'xejra sinifikanti 'l isfel; jinnota li b'total ta' 641 970 paġna tradotti fl-2021, il-volum reali baqa' relattivament stabbli meta mqabbel mal-2020 (635 269 paġna);

([1]) ĠU C 141, 29.3.2022, p. 57.

5. Jinnota l-isforzi taċ-Ċentru biex iqajjem kuxjenza dwar l-importanza tal-multilingwiżmu għall-operazzjonijiet tal-aġenziji u biex irawwem komunikazzjoni multilingwi biex jilħaq liċ-ċittadini tal-Unjoni, u jħeġġeġ liċ-Ċentru jagħmel saħansitra aktar; jistenna bil-ħerqa li jara l-ewwel riżultati tal-eżerċizzju pilota mniedi fl-2021 li għandu l-għan li janalizza l-prattiki multilingwi eżistenti tal-aġenziji bil-ħsieb li jiġi stabbilit "sett ta' għodod għall-multilingwiżmu" u li jinħolqu linji gwida komuni għall-politiki lingwistiċi tal-aġenziji; jistieden lill-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni jagħtu prijorità lil-lingwi kollha tal-Unjoni b'mod ugwali;

6. Jinnota li, fil-kuntest ta' problemi rikorrenti bil-kwalità tat-traduzzjonijiet prodotti minn fornituri esterni tas-servizzi lingwistiċi, iċ-Ċentru stabbilixxa sistema għall-valutazzjoni tal-kwalità tat-traduzzjonijiet esternalizzati u għat-titjib tat-traduzzjonijiet li juru dgħufijiet; jilqa' l-fatt li ċ-Ċentru żviluppa linji gwida speċifiċi dwar l-aspettattivi ta' kwalità tiegħu, ipprovda tutorials għal fornituri esterni biex jindirizzaw problemi rikorrenti u ħa miżuri stretti kontra diversi kuntratturi li d-dokumenti tagħhom ripetutament tqiesu bħala mhux sodisfaċenti, u li f'xi każijiet wasslu għat-terminazzjoni ta' kuntratti qafas;

7. Jinnota b'apprezzament li, sabiex jinkiseb titjib fl-effiċjenza, l-istrateġija taċ-Ċentru tinkludi reviżjoni sħiħa tal-mod kif jaħdem, il-modernizzazzjoni ta' wħud mill-għodod strateġiċi tiegħu, l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kosteffiċjenza fil-mudell kummerċjali tiegħu, informazzjoni aktar preċiża dwar l-ispejjeż reali tal-prodotti taċ-Ċentru u t-titjib kontinwu tal-għodda ta' ġestjoni tal-fluss tax-xogħol tiegħu (eCdT); jistieden liċ-Ċentru jkompli jiżviluppa s-sinerġiji tiegħu, iżid il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki mal-aġenziji l-oħra tal-Unjoni bl-għan li jtejjeb l-effiċjenza rigward, pereżempju, ir-riżorsi umani, il-ġestjoni tal-bini, is-servizzi tal-IT u s-sigurtà;

8. Jilqa' l-involviment attiv taċ-Ċentru ma' aġenziji oħra tal-Unjoni; ifaħħar lill-Kummissjoni għall-enfasi fuq l-iżgurar li, skont l-atti fundaturi tal-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni, iċ-Ċentru għandu jipprovdi s-servizzi ta' traduzzjoni meħtieġa għall-funzjonament ta' tali aġenziji u korpi tal-Unjoni, li jagħmlu użu sħiħ mis-servizzi lingwistiċi taċ-Ċentru;

9. Ifaħħar liċ-Ċentru għas-servizzi l-ġodda tiegħu implimentati fl-2021, bħas-servizz ta' posteditjar ħafif, is-servizz "Paste 'n' Go" għal traduzzjoni aktar mgħaġġla ta' testi qosra u l-magni tat-traduzzjoni awtomatika personalizzati f'diversi oqsma; jinnota l-użu ta' sitt verżjonijiet ġodda tal-bażi tad-data tat-terminoloġija interistituzzjonali IATE u tal-proġetti pilota maċ-*Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga*, il-Qorti u d-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni tal-Kummissjoni; jinnota, barra minn hekk, il-kollaborazzjoni produttiva taċ-*Ċentru mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew* fuq diversi proġetti;

10. Jilqa' l-introduzzjoni fl-2021, li tibni fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Trasformazzjoni taċ-Ċentru 2019–2020, ta' approċċ aktar orjentat lejn il-klijent fir-rigward tal-kwalità, li jippermetti lill-klijenti jagħżlu minn firxa ta' servizzi ta' traduzzjoni, minn traduzzjonijiet riveduti bir-reqqa għal servizz kompletament awtomatizzat, u b'hekk jipprovdu opportunitajiet ġodda għall-klijenti biex jottimizzaw il-baġits tat-traduzzjoni tagħhom; jinnota li l-istħarriġ tal-2021 dwar is-sodisfazzjon tal-klijenti wera sodisfazzjon ġenerali tal-klijenti bil-firxa u l-kwalità tas-servizzi offruti miċ-Ċentru;

Politika dwar il-persunal

11. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2021, 95,33 % tat-tabella tal-persunal kienet implimentata, u li kienu nħatru 47 uffiċjal u 137 aġent temporanju minn 51 uffiċjal u 142 aġent temporanju awtorizzati mill-baġit tal-Unjoni (193 pożizzjoni awtorizzati, bħal fl-2019); jinnota li, barra minn hekk, 24 aġent kuntrattwali ħadmu għaċ-Ċentru fl-2021 (in-numru ta' pożizzjonijiet awtorizzati kien ta' 28);

12. Jinnota t-tqassim skont il-ġeneru taċ-Ċentru rrappurtat għall-2021, b'mara waħda f'pożizzjoni ta' maniġment superjuri, bi 32 raġel (62 %) u 24 mara (38 %) fil-livell tal-bord amministrattiv u b'persunal ġenerali magħmul minn 82 raġel (39 %) u 126 mara (61 %); jinnota li fil-persunal ġenerali taċ-Ċentru, l-irġiel huma sottorappreżentati; jitlob liċ-Ċentru jaħdem favur bilanċ bejn il-ġeneri fil-livell tal-persunal u fil-livell tal-bord amministrattiv; jisħaq fuq l-importanza ta' bilanċ ġeografiku u li l-Istati Membri kollha għandhom ikunu rappreżentati b'mod proporzjonali sabiex ikun hemm rappreżentanza xierqa ta' ċittadini mill-Istati Membri kollha;

13. Jiddeplora l-għadd kbir ta' membri fuq il-bord amministrattiv, sitwazzjoni li ma tiffaċilitax it-teħid tad-deċiżjonijiet u l-ġestjoni simplifikata;

14. Jinnota li ċ-Ċentru għandu politika fis-seħħ li tinkludi proċedura formali u informali relatata mal-fastidju psikoloġiku u sesswali, b'konsulenti kunfidenzjali maħtura li kapaċi jittrattaw il-proċedura informali; jilqa' l-fatt li fl-2021 iċ-Ċentru ngħaqad mat-Task Force tan-Network tal-Aġenziji tal-UE dwar l-użu ta' konsulenti kunfidenzjali; jinnota li, skont ir-risposta taċ-Ċentru, ma ġie rrappurtat l-ebda każ ta' fastidju fl-2021;

15. Jinnota li ċ-Ċentru żviluppa politika tar-riżorsi umani dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, l-iżvilupp tal-karriera, it-telexogħol u l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità u għandu rata ta' dawran ta' 2,72 % għall-2021;

Akkwist

16. Jinnota bi tħassib l-osservazzjoni tal-Qorti rigward id-dgħufijiet fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku taċ-Ċentru fl-2021, fejn il-kuntratti ġew iffirmati bl-użu ta' proċedura nnegozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntatt; jinnota l-konklużjoni tal-Qorti li tali kuntratti, li għalihom saru pagamenti ta' EUR 108 200, huma irregolari; jistieden liċ-Ċentru jirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-azzjonijiet meħuda biex jiġi evitat dan it-tip ta' irregolaritajiet fil-futur;

17. Jilqa' l-fatt li ċ-Ċentru adotta bis-sħiħ il-proċeduri tal-akkwist elettroniku fl-2021; ifakkar fl-importanza tal-proċeduri kollha ta' akkwist biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta bejn l-offerenti u li l-oġġetti u s-servizzi jiġu akkwistati bl-aħjar prezz, filwaqt li jiġu rrispettati l-prinċipji tat-trasparenza, il-proporzjonalità, it-trattament ugwali u n-nondiskriminazzjoni; jitlob l-implimentazzjoni tal-għodod tal-IT tal-akkwist elettroniku żviluppati mill-Kummissjoni; jitlob kjarifika aġġornata tal-proċeduri u l-mudelli fil-linji gwida dwar l-akkwist; jinnota bi tħassib l-osservazzjoni tal-Qorti li d-dgħufijiet fl-akkwist pubbliku qed jiżdiedu u għadhom l-akbar sors ta' pagamenti irregolari fil-biċċa l-kbira tal-aġenziji;

Prevenzjoni u ġestjoni ta' kunflitti ta' interess u trasparenza

18. Jinnota li, skont is-segwitu taċ-Ċentru għall-kwittanza tal-2020, is-sit web tiegħu ġie trasferit għal Drupal fejn żdied kamp għas-CV għal kull membru tal-bord amministrattiv; jinnota r-risposta taċ-Ċentru li, minħabba d-daqs tal-bord amministrattiv tiegħu, qed ifittex soluzzjoni li tippermetti lill-membri tal-bord itellgħu u jżommu d-dikjarazzjonijiet ta' interess u s-CVs huma stess; jistieden liċ-Ċentru jirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress li sar f'dan ir-rigward sakemm il-membri tal-bord kollha jippubblikaw is-CVs tagħhom;

19. Jilqa' l-fatt li ċ-Ċentru jitlob lil kull membru tal-persunal li jipparteċipa fl-evalwazzjoni tal-kandidati għal proċedura tal-għażla jew f'evalwazzjoni tal-akkwist biex jiffirma dikjarazzjoni dwar il-kunflitti ta' interess; jinnota li d-dikjarazzjoni ta' interessi tad-Direttur hija ppubblikata fuq is-sit web taċ-Ċentru; jinnota, barra minn hekk, li fl-2021 ma ġie rrappurtat jew ma infetaħ l-ebda każ ta' kunflitti ta' interess jew ta' żvelar ta' informazzjoni protetta;

20. Jilqa' d-deċiżjonijiet il-ġodda li ttieħdu fil-25 ta' Ġunju 2022 relatati mal-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess fir-rigward tal-membri tal-persunal; iħeġġeġ liċ-Ċentru jiżviluppa l-kodiċi ta' kondotta tiegħu stess; jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġu stabbiliti regoli aktar sistematiċi dwar it-trasparenza, l-inkompatibbiltajiet, il-kunflitti ta' interess, il-lobbying illegali u r-revolving doors; jistieden liċ-Ċentru jsaħħaħ il-mekkaniżmi ta' kontroll intern tiegħu, inkluż billi jistabbilixxi mekkaniżmu intern kontra l-korruzzjoni;

Kontroll intern

21. Jinnota l-valutazzjoni tas-sistema ta' kontroll intern taċ-Ċentru u l-kunsiderazzjoni tal-maniġment taċ-Ċentru li r-rieżamijiet tal-monitoraġġ ma wrew l-ebda każ ta' kontrolli inadegwati jew ineffettivi li jesponu liċ-Ċentru għal riskji ewlenin u jilqa' l-fatt li r-rieżamijiet twettqu abbażi tas-17-il prinċipju li jappartjenu lill-ħames komponenti tal-qafas ta' kontroll intern taċ-Ċentru; jilqa' l-konklużjoni taċ-Ċentru li s-sistemi ta' kontroll tiegħu huma għalkollox effettivi b'mod ġenerali, filwaqt li hemm il-ħtieġa li jsir xi titjib biex tkompli tiżdied ir-reżiljenza taċ-Ċentru;

22. Jinnota l-fatt li ċ-Ċentru rrapporta li fl-2021 l-azzjonijiet kollha li kien għad fadal fil-pjan ta' azzjoni tiegħu kontra l-frodi għall-2019-2020 kienu ġew implimentati, u ċ-Ċentru aġġorna l-proċessi tiegħu dwar l-identifikazzjoni u r-rappurtar tal-frodi;

23. Jinnota bi tħassib id-dgħufijiet fil-kontrolli interni taċ-Ċentru fir-rigward ta' diversi proċeduri ta' akkwist pubbliku, kif irrappurtat mill-Qorti, fejn f'każ minnhom il-membri tal-kumitat ta' evalwazzjoni ma kinux iffirmaw dikjarazzjonijiet ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interess, filwaqt li f'każ ieħor iċ-Ċentru ma kienx ħa deċiżjoni formali li ma jaħtarx kumitat ta' evalwazzjoni, ma kienx ħareġ rapport ta' evalwazzjoni jew deċiżjoni ta' aġġudikazzjoni, u ma kienx ippubblika avviż ta' għoti ta' kuntratt; jistieden liċ-Ċentru jistabbilixxi pjan ta' azzjoni biex itaffi r-riskji ta' rikorrenza ta' dgħufijiet bħal dawn; jistieden ukoll liċ-Ċentru jirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress li sar f'dik il-kwistjoni;

Diġitalizzazzjoni u t-tranżizzjoni ekoloġika

24. Jinnota li ċ-Ċentru għandu fis-seħħ Politika ta' Sigurtà tas-Sistema ta' Informazzjoni (ISSP) u standards ta' sigurtà multipli u qed jaħdem mill-qrib mas-CERT-UE (l-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji Ewropej) biex itejjeb iċ-ċibersigurtà tiegħu; jistieden liċ-Ċentru jħejji għall-aġġornament tal-ISSP tiegħu fid-dawl taż-żewġ Regolamenti futuri tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tal-informazzjoni fl-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni; iħeġġeġ ukoll liċ-Ċentru joffri programmi ta' taħriġ sistematiċi u aġġornati relatati maċ-ċibersigurtà lill-persunal kollu tiegħu, inkluż lill-maniġment, peress li dan huwa element ewlieni f'qafas effettiv taċ-ċibersigurtà;

25. Ifaħħar il-passi addizzjonali li ħa ċ-Ċentru fl-2021 lejn il-flessibbiltà, l-ottimizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-metodi ta' ħidma u s-servizzi tiegħu; jenfasizza, b'mod partikolari, l-introduzzjoni tal-għodod tal-Kummissjoni, jiġifieri ABAC, SYSPER, MIPS u ARES, kif ukoll Systal (software tal-IT ġdid għall-għażla elettronika u r-reklutaġġ) u SARA (sistema għat-traċċar tal-ħin li l-persunal iqatta' fuq attivitajiet differenti); jilqa' d-deċiżjoni taċ-Ċentru li jagħmel użu mill-firma elettronika kwalifikata tal-Kummissjoni;

26. Jinnota li fl-2021 iċ-Ċentru naqqas l-ispazju għall-uffiċċji tiegħu bi 33 % wara l-iffirmar ta' kuntratt ta' kiri ġdid, li għandu jwassal għal tnaqqis fil-konsum tal-elettriku taċ-Ċentru u fl-ammont ta' enerġija użata għat-tisħin; ifaħħar l-użu miċ-Ċentru ta' unitajiet tad-dawl li jiffrankaw l-enerġija u sensuri tal-moviment, kif ukoll ix-xiri tal-elettriku minn sorsi ekoloġiċi;

Kontinwità tal-operat waqt il-kriżi tal-COVID-19

27. Jinnota li fl-2021 ġiet abbozzata politika ġdida dwar il-kontinwità tal-operat u komplew jitwettqu awditi tal-kwalità biex jiġu żgurati l-konformità u l-effiċjenza fil-proċessi u l-proċeduri taċ-Ċentru; jiddispjaċih li n-nuqqas ta' tagħmir elettroniku madwar id-dinja wassal għal tnaqqis fir-ritmu ta' xi wħud mill-proġetti tal-IT u tal-infrastruttura taċ-Ċentru;

28. Jinnota li ċ-Ċentru rrapporta li l-użu estiż tat-telexogħol, mill-bidu tal-pandemija tal-COVID-19, ħadem tajjeb u, flimkien mal-ottimizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-proċessi taċ-Ċentru, wassal għal żieda fil-prestazzjoni, l-effiċjenza u allokazzjoni aħjar tar-riżorsi; jinnota madankollu li l-limitazzjonijiet imposti fuq il-persunal għall-preżenza fuq il-post naqqsu r-ritmu tal-implimentazzjoni ta' xi wħud mill-proġetti taċ-Ċentru;

Kummenti oħra

29. Jirrikonoxxi l-isforzi taċ-Ċentru fl-2021 biex iżid il-viżibbiltà pubblika tiegħu; jinnota t-titjib tal-metrika tal-midja soċjali taċ-Ċentru; ifaħħar liċ-Ċentru talli ospita workshop ta' livell għoli dwar il-multilingwiżmu, għall-parteċipazzjoni attiva tiegħu fil-konferenza dwar il-kitba ċara tal-Kummissjoni u għall-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tiegħu li jinvolvu skambju tal-aħjar prattiki mal-universitajiet u l-komunità tat-traduzzjoni globali;

30. Jistieden liċ-Ċentru jżid l-isforzi tiegħu fir-rapportar tal-informazzjoni rilevanti dwar il-prestazzjoni liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-pubbliku ġenerali b'lingwaġġ ċar u aċċessibbli; iħeġġeġ liċ-Ċentru jiżgura aktar trasparenza u obbligu ta' rendikont pubbliku permezz ta' użu aħjar tal-mezzi tal-midja u tal-midja soċjali;

31. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2023 ([2]) dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

([2]) Testi adottati, P9_TA(2023)0190.